PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2008/0259(COD)

9.2.2009

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-liġi applikabbli fl-obbligi kuntrattwali u nonkuntrattwali
(COM(2008)0893 – C6-0001/2009 – 2008/0259(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Tadeusz Zwiefka

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

EXPLANATORY STATEMENT.....15

EXPLANATORY STATEMENT.....15

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-liġi applikabbli fl-obbligi kuntrattwali u nonkuntrattwali
(COM(2008)0893 – C6-0001/2009 – 2008/0259(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0893),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 61(c), 65 u 67(5) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0001/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Proċedura li tkun koerenti u trasparenti għandha tiġi stabbilita sabiex tawtorizza l-Istati Membri sabiex jemendaw ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi jew jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet ġodda f'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari meta l-Komunità nnifisha ma tkunx indikat l-intenzjoni tagħha li teżerċita *il-kompetenzi* esterni tagħha biex tikkonkludi l-ftehimiet. Din il-proċedura hija bla ħsara għall-	(9) Proċedura li tkun koerenti u trasparenti għandha tiġi stabbilita sabiex tawtorizza l-Istati Membri sabiex jemendaw ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi jew jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet ġodda f'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari meta l-Komunità nnifisha ma tkunx indikat l-intenzjoni tagħha li teżerċita *l-kompetenzi* esterni tagħha biex tikkonkludi l-ftehimiet. Din il-proċedura hija bla ħsara għall-

kompetenza esklussiva tal-Komunità u għad-dispożizzjonjiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat tal-KE. Peress illi tidderoga mir-regola illi l-Komunità hija esklussivament kompetenti sabiex tikkonkludi ftehimiet internazzjonali dwar dawn il-kwistjonijiet, din il-proċedura għandha tiġi meqjusa bħala miżura eċċezzjonali u għandha tiġi limitata fl-ambitu ***u fiż-żmien***.	kompetenza esklussiva tal-Komunità u għad-dispożizzjonjiet tal-Artikoli 300 u 307 tat-Trattat tal-KE. Peress illi tidderoga mir-regola illi l-Komunità hija esklussivament kompetenti sabiex tikkonkludi ftehimiet internazzjonali dwar dawn il-kwistjonijiet, din il-proċedura għandha tiġi meqjusa bħala miżura eċċezzjonali u għandha tiġi limitata fl-ambitu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa bħala riżultat tat-tħassir tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 11.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Skont dawn ir-Regolamenti, il-mekkaniżmu propost għandu japplika biss għal ftehimiet f'każijiet individwali u eċċezzjonali, li jirrigwardaw kwistjonijiet settorjali u li jistipulaw regoli fl-oqsma koperti minn dawn l-istrumenti.	(11) Skont dawn ir-Regolamenti, il-mekkaniżmu propost għandu japplika biss għal ftehimiet f'każijiet individwali u eċċezzjonali, li jirrigwardaw kwistjonijiet settorjali u li jistipulaw regoli fl-oqsma koperti minn dawn l-istrumenti. ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li t-terminu "settorjali" jiġi interpretat bħala "partikolarment". Ir-Regolament għandu jkopri wkoll ftehimiet intrareġjonali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr aktar kjarifikazzjoni, it-terminu "settorali" jista' jagħti lok għal inċertezza legali kunsiderevoli u jirrestrinġi l-utilità tar-Regolament sa tali punt li jagħmilha prattikament superfluwa. Din il-bidla ta' terminoloġija għandha tapplika għar-Regolament kollu, b'mod partikolari għat-titolu.

Hemm ħtieġa evidenti għal dawk l-arranġamenti biex ikopru wkoll ftehimiet intrareġjonali.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet ***settorjali*** u li jkopru l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, u li jaqa', kompletament jew parzjalment, fl-ambitu tar-Regolament (KE) No 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali u tar-Regolament (KE) No 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali.	2. 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ftehimiet bilaterali ***u intrareġjonali*** bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet ***partikolari*** u li jkopru l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, u li jaqa', kompletament jew parzjalment, fl-ambitu tar-Regolament (KE) No 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali u tar-Regolament (KE) No 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mingħajr aktar kjarifikazzjoni, it-terminu "settorali" jista' jagħti lok għal inċertezza legali kunsiderevoli u jirrestringi l-utilità tar-Regolament sa tali punt li jagħmilha prattikament superfluwa. Din il-bidla ta' terminoloġija għandha tapplika għar-Regolament kollu, b'mod partikolari għat-titolu.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jidħol f'negozjati ma' pajjiż terz biex jemenda ftehim eżistenti, jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-***intenzjoni*** tiegħu ***bil-miktub***.	1. Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jidħol f'negozjati ma' pajjiż terz biex jemenda ftehim eżistenti, jew biex jikkonkludi ftehim ġdid li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-***applikazzjoni*** tiegħu ***permezz ta' ittra jew mezz elettroniku***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li tiġi rettifika l-inkonsistenza mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(3), li jipprovdi li "Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3" u biex jiġu speċifikati l-formalitajiet għal notifika (bil-kitba jew permezz tal-posta elettronika).

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – il-kliem użat fil-parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. 9. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx għada ffirmat ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha, meta tagħmel l-evalwazzjoni tagħha, teżamina l-ewwel jekk huwiex ***mistenni*** xi ftehim Komunitarju relevanti mal-pajjiż terz ikkonċernat ***fil-futur qarib***. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni ***tista' tagħti awtorizzazzjoni, sakemm jiġu*** sodisfatti ż-żewġ kondizzjonjiet li ġejjin:	2. 9. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx għada ffirmat ftehim mal-pajjiż terz ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha, meta tagħmel l-evalwazzjoni tagħha, teżamina l-ewwel jekk huwiex ***speċifikament maħsub*** xi ftehim Komunitarju relevanti mal-pajjiż terz ikkonċernat ***fit-tnax-il xahar li jmiss***. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-Kummissjoni ***għandha tiċċekkja jekk jiġux*** sodisfatti ż-żewġ kondizzjonjiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem "il-Kummissjoni tista' tagħti awtorizzazzjoni" jistgħu jagħtu lok li joħolqu diffikultajiet marbuta mal-Artikolu 5 dwar "Awtorizzazzjoni għall-ftuħ tan-negozjati". Bil-kliem propost, huwa ċar li ladarba l-Kummissjoni wettqet il-verifika prevista fl-Artikolu 4 u nstab li l-kondizzjonijiet huma milħuqa, hi ser tipproċedi biex tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-Kummissjoni tiddetermina li l-ftehim propost ***għandu*** impatt ***limitat*** fuq l-	(b) il-Kummissjoni tiddetermina li l-ftehim propost ***ma jkollux*** impatt ***sinifikanti*** fuq l-

applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-Komunità eżistenti u fuq il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita minn dawk ir-regoli.	applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-Komunità eżistenti u fuq il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita minn dawk ir-regoli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk jiġi interpretati b'mod strett, il-kliem "impatt limitat" jista' jrendi l-biċċa l-kbira tar-Regolament inutli fil-prattika.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk il-Kummissjoni ***tikkonkludi illi mhemmx ostakli għall-ftehim fid-dawl tal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4, tkun tista'*** tawtorizza lil Stat Membru sabiex jiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida ***għan-negozjati*** u tista' titlob l-inklużjoni ta' *klawżoli* partikolari fil-ftehim propost.	1. Jekk ***il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) jiġu ssodisfati,*** il-Kummissjoni għandha tawtorizza lil Stat Membru sabiex jiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida u tista' titlob l-inklużjoni ta' *klawsoli* partikolari fil-ftehim propost.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This paragraph raises the question of the Commission's discretion to refuse authorisation even where the Member State has met the conditions required in order to open negotiations. Such a power would appear abusive and hence "may authorise" should be replaced by "shall authorise".

It is noted that the terminology as between the different language versions differs considerably: for instance, the French version reads "directives de negotiation" in contrast with the English "negotiating guidelines" and has "exiger l'inclusion de clauses particulières" whereas the English reads "request the inclusion of particular clauses". The French version must be aligned with the English, since the former is inconsistent with the Commission's status as observer. This observation also applies to the second subparagraph

of Article 9(1), which also refers to "directives de negotiation".

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien ***sitt*** xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.	Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Istat Membru fi żmien ***tliet*** xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fl-Artikolu 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' konsistenza interna tar-Regolament u tal-kredibilità vis-à-vis pajjiżi terzi, dan iż-żmien għandu jkun allinjat mal-Artikolu 3(3).

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Man-notifika l-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni dwar jekk il-ftehim innegozjat hux konformi mal-valutazzjoni inizjali tagħha. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni ulterjuri l-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-ftehim propost jinkludix ir-rekwiżiti li saru mill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-inklużjoni tal-*klawżoli* msemmija fl-Artikolu 5(1) u jekk il-konklużjoni tal-ftehim propost ***iwassalx biex id-dritt Komunitarju isir ineffettiv u jimmina l-iffunzjonar xieraq tas-sistema stabbilita mir-regoli tiegħu***.	2. Man-notifika l-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni dwar jekk il-ftehim innegozjat hux konformi mal-valutazzjoni inizjali tagħha. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni ulterjuri l-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-ftehim propost jinkludix ir-rekwiżiti li saru mill-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tal-inklużjoni tal-*klawsoli* msemmija fl-Artikolu 5(1) u jekk il-konklużjoni tal-ftehim propost ***għandhiex impatt sinifikanti fuq l-applikazzjoni uniformi u koerenti tar-regoli Komunitarji fis-seħħ u dwar il-funzjonament xieraq tas-sistema stabbilita minn dawn ir-regoli***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija maħsuba wkoll biex tipproduċi konsistenza interna fir-Regolament. Il-kriterji stipulati fl-Artikolu 7 għandhom ikunu l-istess bħal dawk stipulati fl-Artikolu 4. Konsegwentement, din l-emenda sempliċiment tieħu l-kliem tal-Artikolu 4.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li n-negozjati rriżultaw fi ftehim li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru ***jista'*** jiġi awtorizzat jikkonkludi l-ftehim.	4. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li n-negozjati rriżultaw fi ftehim li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru ***għandu*** jiġi awtorizzat jikkonkludi l-ftehim.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'dan l-istadju l-Kummissjoni m'għandha jkollha l-ebda diskrezzjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***8(3)***.	5. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu ***8(2)***.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat, ***stabbilit taħt ir-Regolament*** tal-Kunsill (KE) Nr [...] li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u *l-eżekuzzjoni* ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet marbuta mal-obbligi tal-manteniment..	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat, ***stabbilit skont dan ir-Regolament, li se jintuża wkoll għar-Regolament*** tal-Kunsill (KE) Nr [...] li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkopru l-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u *l-infurzar* ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-obbligi tal-manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet marbuta mal-obbligi tal-manteniment..
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tagħha.	2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tagħha.
3. ***Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tagħha***.	3. ***Il-kumitat għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu skont il-proċedura miktuba kif hemm dispożizzjoni għaliha fl-Artikolu 22 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE, Euratom tal-15 Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill[1].***
4. 21. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' ***tliet xhur***.	4. 21. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' ***xahar***.
	[1] ĠU L 285, 16.10.2006, p. 47.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura ta' Komitoloġija proposta (taħlita tal-proċeduri ta' konsulenza u ta' ġestjoni) hija sproporzjonament goffa u li ddum.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida ***għan-negozjati*** jew l-inklużjoni ta' *klawżoli* partikolari, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).	Fejn l-istadju tan-negozjati jippermetti dan, il-Kummissjoni tista' tipproponi linji gwida jew ***titlob*** l-inklużjoni ta' *klawsoli* partikolari, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni tal-emenda għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1).

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, u miegħu jista' jkun hemm ukoll proposta leġiżlattiva xierqa.	Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, u miegħu jista' jkun hemm ukoll proposta leġiżlattiva xierqa***, b'mod partikolari dwar l-estensjoni possibbli tal-ambitu tagħha għall-strumenti leġislattivi oħra, bħar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u dwar l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[1].*** ***Ir-reviżjoni attwali tal-Kummissjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 għandha tiġi estiża biex tqis din il-kwistjoni b'mod sħiħ.*** ***[1] ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-interess biex sussegwentement jiġi estiż dan ir-Regolament sabiex ikun jinkludi l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi huwa manifest.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2014.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa għal klawsola ta' estinzjoni bħal din mhix evidenti. Fi kwalunkwe każ, il-31 ta' Diċembru tal-2014 mhux realistiku wara li jitqies iż-żmien meħtieġ biex jiġi adottat ir-Regolament u sabiex l-Istati Membri jmexxu n-negozjati ma' pajjiżi terzi, b'mod partikulari minħabba il-proċeduri tqal u li jikkonsmaw il-ħin, stabbiliti fir-Regolament. F'kull każ, il-klawsola ta' reviżjoni stabbilita fl-Artikolu 10, li tistipula li l-Kummissjoni tirrapporta lill-istituzzjonijiet l-oħra sal-1 ta' Jannar 2014, twassal sabiex din il-klawsola ta' estinzjoni tkun bla bżonn.

EXPLANATORY STATEMENT

Minbarra l-*acquis communautaire*, il-qasam tal-ġustizzja ċivili huwa kkaratterizzat minn numru ta' ftehimiet bilaterali li l-Istati Membri kkonkludew ma' pajjiżi terzi qabel ma daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat ta' Amsterdam jew qabel id-dħul tagħhom fil-Komunità. Sal-punt il dawn il-ftehimiet li diġà kienu jeżistu fihom dispożizzjonijiet li mhumiex kompatibbli mat-Trattat tal-KE, jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha sabiex jeliminaw in-nuqqas ta' kompatibilitajiet, skont l-Artikolu 307 tat-Trattat tal-KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea kkonfermat li jekk ikun hemm il-ħtieġa, l-Istati Membri għandhom jiġu mitluba li jtemmu l-ftehimiet li mhumiex kompatibbli mal-*acquis*.

Minbarra ftehimiet bilaterali diġà eżistenti, jista' wkoll ikun hemm ħtieġa għall-konklużjoni ta' ftehimiet ġodda ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-ġustizzja ċivili u li jaqgħu fl-ambitu tat-Titolu IV tat-Trattat tal-KE.

Fl-Opinjoni 1/03 tas-7 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Lugano l-ġdida [1], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Komunità akkwistat il-kompetenza esklussiva li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi, dwar kwistjonijiet li jaffetwaw ir-regoli stipulati *inter alia* fir-Regolament (KE) Nru 44/2001 ("Brussell I"), b'mod partikolari dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Fl-opinjoni tagħha, il-Qorti qalet li l-analiżi tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ġdida ta' Lugano dwar ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni wriet li dawk id-dispożizzjonijiet jaffetwaw l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-Komunità dwar il-ġuriżdizzjoni u t-tħaddim xieraq tas-sistema stabbilita minn dawk ir-regoli. Fir-rigward tar-regoli tal-Konvenzjoni proposti dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi, il-Qorti waslet għal konklużjoni simili. Il-Qorti sabet li r-regoli tal-Komunità dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi ma jistgħux jiġu dissoċjati minn dawk dwar il-ġuriżdizzjoni tal-qrati, li magħhom jiffurmaw sistema unifikata u koerenti, u li l-Konvenzjoni ta' Lugano l-ġdida tista' taffetwa l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-Komunità fir-rigward kemm tal-ġurisdizzjoni tal-qrati u kif ukoll fir-rigward tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi u t-tħaddim xieraq tas-sistema unifikata stabbilita minn dawk ir-regoli.

Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li wieħed għandu jassumi li l-Komunità akkwistat il-kompetenza esklussiva għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ħafna mill-ftehimiet bilaterali msemmija hawn fuq.
Wieħed jista' jinnota madankollu, li mhux il-kummentaturi kollha jaqblu mal-fehma meħuda mill-Qorti fl-Opinjoni 1/03[2]. Barra dan, huwa interessanti li wieħed jinnota d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3[3] u 4[1] tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

[1] [2006] ECR I-1145.
[2] Ara, pereżempju, l-annotazzjoni minn Ulrich G. Schroeter (Freiburg) fil-*European Community Private Law Review* (GPR) 2006, 203 et seq, li tikkritika r-raġunar tal-Qorti, billi targumenta li hija naqset milli turi li r-Regolament Nru 44/2001 jista' jiġi affettwat mill-Konvenzjoni ta' Lugano l-ġdida, li kellha tiskrutinizza l-kompetenza intern tal-KE li tirregola r-relazzjonijiet ma' pajjiżi mhux membri u li ma fehmitx ir-relevanza legali ta' "klawsoli ta' skonnessjoni". Huwa wkoll diffiċli li wieħed jara kif kompetenza esklussiva tal-Komunità tista' ssir meta jitqies l-opt-out Daniż.
[3] Artikolu 3
1. L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fl-oqsma li ġejjin:
(a) unjoni doganali;
(b) l-istabbiliment tar-regoli tal-kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern;

Il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li huwa neċessarju li jiġi evalwat jekk fil-preżent jeżistix biżżejjed interess mill-Komunità sabiex hija tissostitwixxi l-ftehimiet kollha eżistenti jew proposti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, bi ftehimiet tal-Komunità. Għal dik ir-raġuni huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura b'għan doppju. L-ewwel għan hu li jkun possibbli li l-Komunità tevalwa jekk hemmx biżżejjed interess mill-Komunità għall-konklużjoni ta' ftehima partikolari. It-tieni għan hu li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jikkonkludu l-ftehima kkunsidrata jekk m'hemmx interess attwali mill-Komunità fil-konklużjoni ta' Ftehim tal-Komunità.

Ir-rapporteur jappoġġja r-regolament propost bħala mezz potenzjali biex jittaffa n-nuqqas ta' flessibbiltà imposta fuq l-Istati Membri permezz tad-duttrina ta' akkwist minn qabel fil-qasam tal-kompetenza esterna. Din id-duttrina ma tħallix lill-Istati Membri milli jidħlu fi ftehimiet bilaterali u intrareġjonali utli ma' pajjiżi mhux membri li jidħlu fl-ambitu ta' dik il-kompetenza. Mhix prevista l-ebda soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni inċerta, minħabba li l-Kummissjoni ma għandhiex biżżejjed staff jew biżżejjed żmien biex tinnegozja ftehimiet tal-Komunità u barra minn hekk fil-maġġoranza kbira tal-każijiet ma jeżisti l-ebda interess tal-Komunità fit-tip ta' ftehimiet bilaterali li qed ikunu kkunsidrati.

Madankollu, dak il-Kummissjoni pproponiet huwa limitat fl-iskop tiegħu u, għal din ir-raġuni, ir-rapporteur ippropona li l-klawsola ta' reviżjoni tkopri wkoll estensjoni possibbli fil-futur għall-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi. Il-fatt fortunat li l-Kummissjoni qed tagħmel reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 ("Brussell I") jista' tkun ta' għajnuna

---

(c) politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-Euro;
(d) il-konservazzjoni ta' riżorsi bioloġiċi tal-baħar taħt il-politika komuni tas-sajd;
(e) politika kummerċjali komuni.
2. L-Unjoni għandha wkoll kompetenza esklużiva għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu huwa previst fl-att leġiżlattiv tal-Unjoni jew li hu meħtieġ biex jippermetti lill-Unjoni teżerċita l-kompetenza interna tagħha, jew safejn il-konklużjoni tiegħu tista' taffettwa regoli komuni jew ibiddlu l-iskop tagħhom. (enfażi applikata)

[1] Artikolu 4
1. L-Unjoni għandha kompetenza kondiviża mal-Istati Membri meta t-Trattati jtuha kompetenza li ma tirrigwardax l-oqsma msemmija fl-Artikoli 3 u 6.
2. Kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tapplika fl-oqsma prinċipali li ġejjin:
(a) suq intern;
(b) politika soċjali, għall-aspetti definiti f'dan it-Trattat;
(c) koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
(d) agrikoltura u sajd, eskluża l-konservazzjoni ta' riżorsi bioloġiċi tal-baħar;
(e) ambjent;
(f) protezzjoni tal-konsumatur;
(g) trasport;
(h) netwerks transewropej;
(i) enerġija;
(j) żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;
(k) kwistjonijiet ta' sigurtà komuni f'materji ta' saħħa pubblika, għall-aspetti definiti f'dan it-Trattat.
3. Fl-oqsma ta' riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-ispazju, l-Unjoni għandha kompetenza li twettaq attivitajiet, b'mod partikolari biex tiddefinixxi u timplimenta programmi; madankollu, l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza m'għandux jirriżulta f'impediment lill-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom.
4. Fl-oqsma tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja, l-Unjoni għandha kompetenza li twettaq attivitajiet u tmexxi politika komuni; madankollu, l-eżerċizzju ta' dik il-kompetenza m'għandux jirriżulta f'impediment lill-Istati Membri milli jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom. (enfażi applikata)

konsiderevoli f'dan ir-rigward.

Ir-rapporteur għamel ukoll bidliet oħra maħsuba biex jagħmlu r-Regolament aktar effikaċi: huwa biddel ir-referenza għal "kwistjonijiet settorjali" biex tistipula livell ogħla ta' ċertezza legali, saħħaħ il-limiti ta' żmien u neħħa xi wħud mill-aktar aspetti diffiċli tal-proċedura.

Ir-rapporteur neħħa wkoll d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' konklużjoni ta' ftehima. Kif kienet il-proposta, il-Kummissjoni setgħat tirrifjuta l-awtorizzazzjoni biex tikkonkludi ftehim bilaterali anke jekk il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa jkunu ssodisfatti għall-awtorizzazzjoni inizjali. Dan seta' kkawżaw problemi diplomatiċi kbar mal-pajjiż terz ikkonċernat.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur innota li l-emendi tiegħu huma riflessi fl-abbozz ta' opinjoni tiegħu dwar il-proposta parallela għal regolament li jistabbilixxi proċedura biex jiġu negozjati u konklużi ftehimiet bilaterali li jkopru l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi u deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, ta' responsabbiltà tal-ġenituri u tal-obbligi ta' manteniment, u l-liġi applikabbli fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment.